**21 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Francesco Masini ne.

*versus*

Wilfred Podestà ne.

**Rekwiżizzjoni — Nullità — Att nru. II tal-1949.**

*Jekk fond jiġi rekwiżizzjonat bl-iskop li jservi għall-abitazzjoni, imma fil-fatt ma jkun serva qatt għal dan l-iskop, ir-rekwiżizzjoni hija difettuża fil-forma tagħha, u għaldaqstant hija sindakabbli mill-Qrati; mhux biss, imma hija wkoll nulla u bla effett.*

*Mhux biżżejjed illi r-rekwiżizzjoni tkun saret, "inter alia", fl-interess pubbliku; għaliex, ladarba dak il-"public interest" ġie limitat bil-kliem "for providing living accomodation and to ensure a fair distribution of living accomodation", il-portata tar-rekwiżizzjoni ġiet limitata għall-iskop tal-abitazzjoni, u mhux ukoll għal skopijiet oħra ta' nteress publiku.*

*Lanqas ma hu aċċettabbli l-argument illi l-awtorità setgħet, wara r-rekwiżizzjoni, biddlet l-idea tagħha, u l-fond, rekwiżizzjonat għal skop ta' abitazzjoni, użatu għal skopijiet oħra fl-interess publiku; għax il-kambjament tal-idea għandu jkun fit-termini tal-forma tar-rekwiżizzjoni; u jekk ir-rekwiżizzjoni kienet għall-abitazzjoni, mhux leċitu kambjament ta' idea li ma tidħolx f'dik il-forma.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi, b'Requisition Order numru 16321 tat-3 ta' Jannar 1957, il-konvenut nomine rrekwiżizzjona mill-poter tal-attur id-dar 139 Race Course Street, Victoria, Gozo, li hija amministrata mill-attur nomine (dok. A); u illi din ir-rekwiżizzjoni saret "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of

living accomodation"; u illi din id-dar ġiet mill-bidu nett użata bħala Bank tal-Gvern, kif ukoll bħala uffiċċju tal-Kummissarju f'Għawdex u għal uffiċċji oħra, u mhux għall-abitazzjoni (dok. B); talab li jiġi minn din l-Onorabbli Qorti dikjarat u deċiż (1) illi r-Requisition Order numru 16321 tat-3 ta' Jannar 1957, maħruġa mill-konvenut Podestà nomine, relattiva għall-fond 139 Race Course Street, Victoria, Gozo, hija nulla u bla effett, peress li ma ġietx osservata l-forma meħtieġa mill-liġi u li konsegwentement il-konvenut nomine qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu; (2) il-konvenut jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti jħallas lill-attur nomine, in linea ta' danni għall-okkupazzjoni tal-imsemmija dar, mill-10 ta' Ottubru 1958 sa meta jirrestitwixxi ċ-ċwievet, dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, anki, jekk hemm bżonn, bl-opra ta' periti. B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 1959;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Novembru 1960, li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet opposti mill-konvenut, u laqgħet it-talbiet tal-attur, u għall-fini tat-tieni talba nnomirat, a spejjeż provviżorjament tal-attur, lill-A.I.Ċ. Renè Butigieg biex jillikwida d-danni mitluba u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, u jippreżenta r-rapport tiegħu mhux iżjed tard mis-26 ta' Jannar 1961, għal liema ġurnata ġiet differita l-kawża; u rriżervat l-ispejjeż għad-deċiżjoni finali; wara li kkunsidrat;

Illi kif jidher mid-dokument fol. 4, ir-rekwiżizzjoni saret mill-konvenut "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation";

Illi mhux kontestat li l-fond in kwistjoni mhux qiegħed jiġi wżat għall-abitazzjoni (fol. 10);

Illi l-konvenut jippretendi li l-motiv tar-rekwiżizzjoni mhux ċensurabbli ġudizzjarjament, u li l-konvenut, "wara"

r-rekwiżizzjoni, jista' jagħmel mill-fond kwalunkwe użu li jidhirlu xieraq; mill-banda l-oħra l-attur jissottometti illi, ladarba l-fond ġie "expressis verbis" rekwiżizzjonat biex iservi għall-abitazzjoni, li ma serva fl-ebda mument għal dan l-iskop, ir-rekwiżizzjoni hija difettuża fil-forma tagħha, u għalhekk hija sindakabbli mit-tribunali;

Illi f'każ bħal dan il-Qorti tal-Appell irriteniet li r-"requisition order" ma ġiex maħruġ fil-forma li jmiss, għaliex, mentri l-post ġie wżat għall-uffiċċju tal-Gvern, l-'Order' ħareġ limitatament għall-abitazzjoni, u dan iġib li l-forma tal-eżerċizzju tar-rekwiżizzjoni ma kienetx skond il-liġi, u l-Qrati għandhom il-jedd li jissindakaw l-att żbaljat fil-forma; u konsegwentement iddikjarat nulla u bla effett ir-rekwiżizzjoni (App. Ċivili 25 ta' Jannar 1957 in re "Denaro ne. vs. Onor. Tabone ne. et."); u tal-istess fehma hija wkoll din il-Qorti;

Illi ma tiswiex l-obbjezzjoni tal-konvenut li r-rekwiżizzjoni saret, "inter alia", "in the public interest"; għaliex kif osservat l-imsemmija Qorti fil-kawża ġa riferita, mill-lokuzzjoni (identika għal dik użata fil-każ tagħna) il-kliem użati jimpurtaw limitazzjoni tal-"public interest", fis-sens li fil-każ ta' din ir-rekwiżizzjoni dan il-"public interest" kien qed jiġi magħmul jikkonsisti "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation". Il-Gvern seta' liberament uża l-kliem "in the public interest" bla ebda limitazzjoni ta' xejn; iżda f'dan il-każ irrestrinġa l-portata ta' dik il-frażi, normalment ampja u komprensiva, bil-kliem sussegwenti, b'mod li r-"requisition order" ġiet li tirriferixxi għall-iskop ta' abitazzjoni; u din l-Qorti hija tal-fehma li dan ir-raġunament hu wkoll applikabbli għall-każ preżenti;

Illi konsegwentement l-ewwel talba hija sostnuta;

Illi t-tieni talba hija ta' natura konsegwenzjali; u billi għad hemm bżonn li tiġi sostanzjata bil-provi, isir meħtieġ il-provvediment infraskritt;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Wilfred Podestà *nomine fol.* 15, u l-petizzjoni tiegħu *fol.* 16, li biha talab li

s-sentenza appellata tiġi revokata, u li jiġu miċħudin it-talbiet tal-attur nomine; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel ma' dak li f'din il-materja, u f'kawża b'fattezzi simili, ġie minnha ritenut fis-sentenza in re "Denaro ne. vs. Tabone ne.", tal-25 ta' Jannar 1957; u taqbel, għalhekk, mal-konklużjoni li ġiet għaliha l-Ewwel Qorti f'din il-kawża, bażata din il-konklużjoni fuq is-sentenza ċitata;

Għall-argumenti kontenuti fil-petizzjoni u sottomessi fid-dibattitu orali, jirrispondu l-konsiderazzjonijiet żvolti fl-ewwel sentenza u fis-sentenza ċitata;

Din il-Qorti tosserva, inoltre, li ma hux affattu eżatt li jingħad li l-kliem użati fir-"requisition order" huma wżati fl-istess sens u sekwenza tal-liġi. Il-liġi in materja Att nru. II tal-1949 — fl-art. 4(1) tgħid hekk:— "Jekk il-Kummissarju jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq jagħmel hekk fl-interess publiku, jew biex jipprovdi lin-nies lukien fejn wieħed jista' jgħammar, jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' lukien fejn wieħed jista' jgħammar . . . . ";

Hu ċar li l-liġi qegħdha tikkunsidra tliet ipotejiet indipendenti, dik tal-interess publiku, dik tal-proviżjoni ta' djar, u dik tat-tqassim ekwu tad-djar — l-ewwel waħda komprensiva meta ma hix kwalifikata;

Inveċe, fir-"requisition order" "de quo", fol. 4, jingħad hekk:— "Billi huwa meħtieġ fl-interess publiku, sabiex innies ikollhom fejn joqgħodu, u sabiex ikun hemm taqsim tajjeb ta' djar . . . . . " Hu ċar li fir-"requisition order" fuq imsemmi l-ipotesi tal-interess publiku mhijiex aktar kunsidrata bħala ipotesi 'a se' " u komprensiva, imma l-interess publiku f'dan il-każ partikulari qiegħed jiġi ristrett għall-

iskop li n-nies ikollhom fejn joqgħodu, u sabiex ikun hemm *tqassim tajjeb ta' djar. Kien ikun divers il-każ kieku fir-*"requisition order" ingħad "fl-interess publiku", jew "biex in-nies ikollhom fejn joqgħodu", jew "biex ikun hemm tqassim tajjeb ta' djar"; għaliex allura kien ikun jista' jingħad li l-lokuzzjoni wżata hi dik tal-liġi. Imma l-lokuzzjoni mhijiex dik tal-liġi, meta l-interess publiku qed jiġi dikjarat liema hu speċifikatament;

Ingħad ukoll li l-Awtorità setgħet biddlet l-idea tagħha. Lanqas dan l-argument ma hu aċċettabbli; għaliex *il-kambjament tal-idea għandu jkun fit-termini* tal-forma tar-rekwiżizzjoni; u jekk dik ir-rekwiżizzjoni kienet għall-abitazzjoni ma hux leċitu kambjament ta' idea "all-infuori ta' dik il-forma". Dan anki apparti mill-prinċipju li fl-eżerċizzju tal-"executive discretion" si suppone li l-Awtorità timxi mhux biss "rite", imma anki "recte" (ara sent. P.P. "Pace vs. Anastasi Pace", 1 ta' Mejju 1946, Vol. XXXII-II-317, u ġurisprudenza hemm ċitata); u din il-Qorti tiddubita jekk jistgħax jissejjaħ "fair and honest" li rekwiżizzjoni ssir għall-abitazzjoni u mbgħad l-fond rekwi-*żizzjonat jiġi, mill-bidu nett, użat għal banka u għal uffiċ*-ċju;

Hu stran ukoll li tiġi nvokata n-neċessità jew l-espedjenza li bilfors għandha tkun a bażi tar-"requisition" bħala restrizzjoni tal-libera disponibbilità tal-proprjetà privata, meta ordni maħruġa għall-abitazzjoni tiġi utilizzata għal skop ieħor; għax allura wieħed ikollu raġun jgħid illi l-iskop oriġinali li għalieh ġiet maħruġa l-ordni, wara kollox, ma kienx la neċessarju u lanqas espedjenti ladarba ġie mibdul;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza, stante li dawk tal-ewwel ġew riżervati; u tordna r-rinviju tal-attijiet lill-Ewwel Qorti.